Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 20,677, 3 ta' Awwissu, 2021
Taqsima B

A.L. 317 tal-2021

ATT DWAR IS-SAĦĦA PUBBLIKA
(KAP. 465)
Ordni tal-2021 li jemenda l-Ordni dwar il-Perjodu tal-Kwarantina
(Emenda Nru 5)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 27(ċ) tal-Att dwar is-Saħħa Pubblika, is-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika għamlet dan l-ordni li ġej:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dan l-ordni hu l-Ordni tal-2021 li jemenda l-Ordni dwar l-Perjodu ta' Kwarantina (Emenda Nru 5) u dan l-ordni għandu jinqara u jinftiehem ħaġa waħda mal-Ordni dwar l-Perjodu tal-Kwarantina, hawn iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-ordni prinċipali". L.S. 465.13.

Jemenda l-artikolu 1 tal-ordni prinċipali.

2. L-artikolu 1 tal-ordni prinċipali għandu jiġi enumerat mill-ġdid bħala s-subartikolu (1) tal-artikolu 1 u minnufih wara għandu jiżdied dan is-subartikolu ġdid li ġej:

"(2) Għall-finijiet ta' dan l-ordni, it-terminu "pajjiżi" għandu jitqies li jirreferi għat-terminu "territorji", fejn applikabbli.